# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 358/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlie Gauci**

Illum 27 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charlie Gauci**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 262280(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' Ġunju 2010 u matul l-erba' snin ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan *ai termini* ta' Artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u

ta' Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu sentejn u nofs priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000). *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal elfejn, mija u sittin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,160.22) u ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u mmarkata bħala KB460.2010. Il-Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-flus misjuba fuq l-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata, b'dana illi: a.* ***tikkonfermaha*** *in kwantu sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, ossia tal-pussess semplici tal-kokaina, b.* ***tirrevokaha u tħassarha*** *kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, ċioè l-pussess aggravat ta' kokaina, u ċ.* ***subordinatament****, f'każ ta' konferma tal-ħtija bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi* ***tvarja u timmodifika*** *s-sentenza appellata kwantu l-piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġà ngħad quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Settembru 2014.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant filwaqt li jitlob lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, jitlobha wkoll sabiex tħassar is-sejbien ta' ħtija tiegħu fl-ewwel (1) imputazzjoni ossia dik li tirrigwarda l-pussess aggravat ta' kokajina. Alternattivament, l-appellant jitlob piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi fl-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel

apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa maqsum fis-segwenti partijiet:

- dwar l-istqarrija tal-appellant u x-xiehda tiegħu bil-ġurament;

  u

- dwar il-provi ċirkostanzjali marbuta mal-verżjonijiet tal-appellant.

Dwar l-istqarrija tal-appellant u x-xiehda tiegħu bil-ġurament:
Illi l-appellant jilmenta li hemm diskrepanzi bejn dak li qal fl-istqarrija rilaxxata minnu u dak li qal waqt ix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Jispjega li huwa kien għadu fi stadju fejn ma rrikonoxxiex li kellu problema ta' droga u kien qed ibati minn sintomi ta' *withdrawal* filwaqt li kien ibati minn *obsessive compulsive disorder* u kien ħalla lill-mara tiegħu fi stat ta' gravidanza avvanzat u li kien iddeluda lill-familjari tiegħu.n Jgħid li fil-kuntest ta' dan waqt ix-xiehda tiegħu huwa spjega li kien hemm żewġ punti fl-istqarrija li ma kienux korretti u dan kien jirrigwarda l-vizzju tad-droga u l-intenzjoni li jittraffika tali droga. Jispjega li huwa semma li kellu l-intenzjoni li jittraffika dik id-droga minħabba li dan ġie ssuġġeriet mill-Uffiċċjal Prosekutur u li għalih (għall-appellant) din f'moħħu kienet l-aktar triq sempliċi biex joħroġ u jerġa' jmur ma' martu li kienet tqila. Jgħid illi dan il-kuntest

għandu jindirizza l-inkonsistenzi bejn il-verżjonijiet mogħtija minnu. Jilmenta iżda li l-Ewwel Qorti filwaqt li emmnet li huwa għandu problema ta' droga xorta għażlet li temmen il-verżjoni marbuta mat-traffikar ta' droga.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li qabel l-interrogatorju l-appellant ġie nfurmat bil-jedd tiegħu li jikkonsulta ruħu ma' avukat jew prokuratur legali (Dok. "CG 1" – *a fol.* 43) iżda huwa irrinunzja tali dritt. Dan jirriżulta mid-dikjarazzjoni li tinsab immarkata bħala Dok. "CG 1" (*a fol.* 43). Għal kull buon fini għandu jingħad li fiż-żmien meta ttieħdet l-istqarrija tal-appellant il-liġi ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija. Waqt li l-appellant allura imputat ta x-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-12 ta' Frar 2013 (*a fol.* 397 *et seq.*) huwa jispjega li rrinunzja tali dritt fuq parir tal-Pulizija li allegatament qalulu sabiex ma jkabbarx l-affarijiet u minħabba li huwa ried imur id-dar ma' martu li dak iż-żmien kienet tqila. L-appellant jgħid li tħalla bil-għatx u bil-ġuħ sakemm ġie mixli l-Qorti – fatt li skont huwa kkontribwixxa għal vulnerabilita' tiegħu.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-appellant għamel riferenza għal ġurisprudenza (inkluż fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata minnu fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024) dwar stqarrija rilaxxata minn persuna li tkun qed tiġi interrogata, din il-Qorti tinnota wkoll li tul dawn l-aħħar snin kien hemm żvilupp ġmielu mill-Qrati f'dan ir-rigward. In fatti dwar l-istqarrija rilaxxata mill-appellant din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah** (Numru 10/2018) ingħad is-segwenti:

> *"The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair*

*hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."*

Illi għandu jingħad li s-sentenza appena ċitata għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti

12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il-proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità."

Illi mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżulta li meta ttieħdet l-stqarrija tal-appellant huwa kellu tletin (30) sena. Jirriżulta wkoll

li kien ħa l-istat tiegħu u saħansitra kien ser isir missier. Dawn huma fatti li juru li l-appellant kellu ċertu maturita'. Minbarra dan, il-fedina penali tal-appellant għalkemm hija waħda qasira, apparti li tinkludi imputazzjonijiet relatati ma' traffiku, tinkludi wkoll reat ta' ċertu piż meta kkaġuna feriti lil persuna oħra. Għalhekk dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza ma kienx l-ewwel każ li fih l-appellant spiċċa akkużat il-Qorti. Minbarra dan, kif diġà ngħad, l-appellant ingħata l-possibilita' li jikkonsulta ruħu ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u minkejja dak li jixhed dwar dak li qalulu l-Pulizija, huwa seta' jitlob li jara l-avukat tiegħu. Konsegwentement u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tqisx li l-appellant kien vulnerabbli meta ta l-istqarrija tiegħu, liema stqarrija ma għandhiex tiġi dikjarata inammissibbli. Minkejja dan, din il-Qorti ser tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar dak li jirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi din il-Qorti hija konvinta li l-appellant kellu l-problema tad-droga u hija konvinta wkoll mill-*obsessive compulsive disorder* tiegħu iżda dan ma jfissirx li huwa kien fi stat ta' vulnerabilita'. Din il-Qorti qrat bir-reqqa u fit-tul ix-xiehda mogħtija mill-professjonisti mressqa mill-appellant u ġibditilha l-attenzjoni l-ispjega li ta l-Psikjatra Dr. Mark Xuereb meta waqt ix-xiehda tiegħu li ġiet mogħtija fis-16 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 469 *et seq.*) huwa spjega hekk dwar il-kundizzjoni tal-appellant (*a fol.* 471 u 472*)*:

> "Mela x'ġara fit-*two thousand and nine* (2009) *pressa poco* jekk il-memorja mhijiex sejra żbaljata, *he was getting married and that was another big stress he wanted to have everything perfect, the ritualistic of obsessional behaviour. I have to be a perfect man for my wife, I have to do everything perfectly.* U bażikament *monitoring this hoarding to save for a rainy day but excessive.* Issa bl-istress biex jikkowpja kien qiegħed jipprova jikkowpja, ikkowpja ħażin għax naturalment *one of the side effects .... defective cocaine with a short-lived relaxation focusing assertiveness and it boosts self esteem, don't mind the other side effects, but what he needed to shall we say boost his ritual, to .... charges ritual. But being*

> *the perfect man I got to be ... the perfect person* ħa naħżen u iktar ma naħżen *I get a better price, therefore that extra money I can give to my son, for the furniture, for the tiles, for the shower etc, etc. So I think we have a genuine case in summary of a man who has very good family values who has this crippling mental physiological problem, who by the way needs not a bit of help but a lot of help, because he is a good man and essentially he wants to get on with life."*

Illi l-professjonist ikompli jgħid li huwa ma rax traċċa ta' qerq fl-appellant. Din l-ispjegazzjoni ma twassalx lil din il-Qorti sabiex tara li l-appellant kien vulnerabbli.

Illi stabbilit dan din il-Qorti qieset ukoll din id-deskrizzjoni t'hawn fuq fil-kuntest li ngħatat u ċioè li l-appellant ma kienx ser ibigħ droga. F'dan ir-rigward dak li ħasseb lil din il-Qorti huwa wkoll li l-appellant ried kollox perfett u l-użu tad-droga u l-infieq tal-flus fid-droga jmur kontra l-kunċett li huwa jkun perfett.

Illi din il-Qorti tasal biex taqbel li l-boroż tad-droga vojta setgħu kienu dożi ta' droga kkunsmat iżda dan ma jispjegax il-bżonn ta' miżien. Il-miżien jintuża sabiex jiġu ppreparati dożi ta' piż partikolari. Il-preċiżjoni tad-doża fil-fehma tal-Qorti tista' tkun ukoll kemm marbuta mal-*obsessive compulsive disorder* tal-appellant kif ukoll mal-bżonn sabiex jiġu ppreparati dożi għall-bejgħ. L-istess japplika għal materjal użat sabiex jitħallat mad-droga.

Illi dak li ġibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti huwa wkoll is-sistema finanzjarja tal-appellant. Din il-Qorti hija ben konxja tal-fatt li l-appellant jgħid li huwa kien għadu joqgħod mal-ġenituri tiegħu u li kellu l-vettura tal-Gozo Channel kif ukoll kellu l-*mobile* imħallas mill-istess entita'.

Illi fi kliem l-appellant huwa kien ilu bil-problema tad-droga mis-sena 2008 b'dan illi wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kontijiet bankarji li jirriżultaw fl-atti proċesswali ssibha diffiċli l-ispejgazzjoni ta' kif l-appellant kien jixtri d-droga mingħajr ma jiġbed il-flus mill-kont bankarju tiegħu anzi huwa kien iġemma

somom konsiderevoli. Per eżempju mir-rendikont bankarju li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 463 *et seq.*) jirriżulta li bejn is-17 ta' Lulju 2009 u t-23 ta' Ottubru 2009 huwa ġibed qrib is-sebgħa u tletin Euro (€37.00). Huwa minnu li perjodikament l-appellant kien jiġbed somom b'saħħithom imma dawn x'aktarx kienu sabiex jiġu nvestiti kif jispjega Karl Sammut in rappreżentanza tal-Bank of Valletta fix-xiehda tiegħu hekk kif mogħtija fis-27 ta' Settembru 2010 meta qal hekk (*a fol.* 151 *et seq.*):

> "Xhud: Iva. Kien ilu ġej minn April 2006. Li kien jiġri fejn kienet tidħol il-paga, meta jimtela ċertu ammont mill-paga kienu jiġu trasferiti kull tliet xhur għal dan l-*account* u dan l-*account* baqa' sejjer sa Frar 2009. Fi Frar 2009 ingħalaq u nqaleb fil-*money fund*."

Illi għalhekk stante li skont l-appellant il-mija u tmienja u sittin (168) gramma kokajina huwa xtrahom bil-flus tat-tieġ, il-grammi ta' qabel b'liema flus xtrahom stante li l-vizzju kien qabdu qabel ma żżewweġ? Fil-keffa tal-miżien wieħed irid jinkludi wkoll l-prezz tad-droga. Skont l-istima ta' l-iSpiżjar Mario Mifsud il-prezz fuq is-suq ta' gramma kokaina kienet dik ta' sitta u sebgħin Euro (€76). Infatti, sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 650):

> "F'dan ir-rigward huwa anke nkwetanti l-ammont ta' droga misjuba – mija u tmienja u sittin (168) gramma, għal kollox mhux ammont negliġibbli, *altro che'*!! Bi prezz ta' tnax-il elf, seba' mija u tmienja u sittin Ewro (€12,768), ukoll mhux somma negliġibbli!! (*Vide* Dok. "MM")."

Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu msemmi hawn fuq, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellant ossia dik dwar l-istqarrija tal-appellant u x-xiehda tiegħu bil-ġurament qed tiġi miċħuda.

Dwar il-provi ċirkostanzjali marbuta mal-verżjonijiet tal-appellant: Illi fit-tieni parti tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar il-provi ċirkostanzjali li fuqhom sejset id-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti. Sabiex jagħmel dan l-appellant iressaq numru ta' argumenti u din il-Qorti ser issegwi l-istess ordni.

"Il-kwistjoni tad-dejn":
Illi l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq dan il-punt sabiex turi li hu ried jittraffika d-droga biex jkun jista' jaffaċċja d-dejn li kellu. Huwa jispjega li dak li l-Qorti rat bħala tnaqqis tal-flus tiegħu *ergo* prova ta' dejn fil-verita' ma kienx tnaqqis iżda dawk il-flus ġew investiti fi strument ieħor. Jispjega li għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. Fir-rigward tal-*home loan* u l-*house construction loan* huwa jgħid li dawn ma kienux spropożitati tenut kont li kemm hu kif ukoll martu jaħdmu. L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li flimkien ma' martu huwa kien għadu jgħix mal-ġenituri tiegħu. Jispjega li punt ieħor interessanti huwa ta' kif inxtrat id-droga. Jisħaq li d-droga titħallas fuq il-post u li għalhekk hu ma setax ħadha bid-dejn.

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkonstatat id-differenzi bejn il-verżjoni mogħtija mill-appellant waqt l-istqarrija tiegħu u l-verżjoni mogħtija minnu waqt li kien qed jixhed quddiemha. Huwa minnu wkoll li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni ż-żewġ verżjonijiet u ddeċidiet li xxaqleb aktar lejn il-verżjoni li ta l-appellant waqt l-istqarrija u fil-waqt li ma warrbitx għal kollox il-verżjoni tal-kondizzjoni mentali tiegħu, hija ddeċidiet li ma temminx li din kienet tiġġustifika l-fatti b'mod illi jiskulpaw lill-appellant mill-fatt li kien jittraffika d-droga. Iżda jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma qagħditx biss fuq l-istqarrija rilaxxata mill-appellant tant hu hekk li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 652):

> "L-ammont tad-droga misjuba, fiċ-ċirkostanzi li ġiet misjuba fihom, bil-fatti kif preżentati lilha, iwasslu lill-Qorti għall-konvinċiment illi Charlie Gauci fil-fatt kellu

> l-intenzjoni li jżomm droga mhux biss għall-"użu esklussiv tiegħu"."

Illi fir-rigward tal-*home loan* u l-*house construction loan*, l-appellant jgħid li dawn ma kienux spropożitati tenut kont li kemm hu kif ukoll martu jaħdmu. Dwar dan din il-Qorti tinnota li meta l-Ewwel Qorti ssemmi li l-flus tal-appellant niżlu għal sebat elef, tliet mija u disgħa u disgħin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€7,399.62) hija kien biss qed tikkonstata fatt. Imkien ma qalet li l-flus l-oħra kien intefqu jew sparixxew.

Illi fir-rigward tal-fatt li l-appellant u martu kienu għadhom jgħixu mal-ġenituri, minkejja li l-Ewwel Qorti ma semmietx dan fil-konsiderazzjonijiet tagħha jirriżulta li hija ssemmi dan il-punt meta tfisser dak li qal l-appellant waqt ix-xiehda mogħtija minnu (*a fol.* 641). Għalhekk mhux minnu li l-Ewwel Qorti ma ħaditx dan il-punt in konsiderazzjoni.

Illi rigward il-mod ta' kif inxtrat id-droga, din il-Qorti tinnota li dak li jgħid l-appellant, u ċioè li d-droga trid titħallas mill-ewwel u ma tistax tinxtara bid-dejn, isaħħaħ mhux ftit l-espożizzjoni li saret aktar 'il fuq f'din is-sentenza u dwar il-konsiderazzjonijiet magħmula fuq minn fejn l-appellant kien iġib il-flus sabiex jixtri d-droga.

B'hekk isegwi li l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward ta' dak li huwa jsejjaħ bħala "il-kwistjoni tad-dejn" jistħoqq li jiġu mwarrba.

"<u>Il-boroż bi traċċi tad-droga u l-allegazzjoni ta' traffikar</u>":

Illi l-appellant jirreferi għal fatt li l-iSpiżjar Mario Mifsud jindika li l-boroż li nstabu fil-*garage* sab traċċi ta' kokajina fuqhom. L-appellant jgħid li dan jikkonferma l-verżjoni tiegħu li huwa kien jaqsam id-droga f'dożi iżgħar. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma fehmitx hekk u kkunsidrat li l-miżien marbuta mas-sikkina u mal-boroż jindikaw traffikar. Jisħaq li *se mai* l-boroż vojta jindikaw konsum u mhux traffikar.

Illi dwar dan l-argument din il-Qorti tqis li l-appellant jista' jkollu raġun b'dana illi dan il-fattur waħdu u tenut kont dak li qalet din il-Qorti preċedentement, l-appellant ma jiġix skolpat mill-ewwel (1) imputazzjoni.

"Ix-xhieda ta' l-iSpettur Pierre Grech":
Illi l-appellant jilmenta dwar xi kummenti li skont huwa għaddiet l-Ewwel Qorti dwar il-kontro-eżami tal-iSpettur Pierre Grech. Jispjega li l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tagħmel ċertu rimarki u jisħaq li dawn ir-rimarki juru li l-Ewwel Qorti telqet bil-premessa li hu kien ħati u li interpretat il-provi b'mod li jaqbel mal-perċezzjoni tagħha u mhux b'mod oġġettiv.

Illi din il-Qorti mhijiex ser tinvesti wisq ħin fuq dan il-punt minħabba li ma jirriżultalhiex dak imsemmi mill-appellant fil-punt imsemmi dwar li l-Ewwel Qorti telqet mill-premessa li hu kien ħati. Apparti minn dan, għandu jingħad ukoll li tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li saru sa issa din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti kienet b'xi mod preġudikata fil-konfront tal-appellant tant li fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena hija qieset it-traġitt li wettaq l-appellant.

"L-istat mentali tal-esponenti matul ir-rilaxx tal-istqarrija":
Illi l-appellant jirreferi għax-xiehda tal-iSpettur Grech u għall-istat li hu kien fih skont l-istess Spettur. Jispjega li għandhom jinqraw is-sintomi riskontrati u d-depożizzjoni tal-Psikjatra Dr. Mark Xuereb. Jagħmel riferenza wkoll għal ġurisprudenza Ingliża rigwardanti l-istqarrija mogħtija taħt l-effett tad-droga u kif din ma tkunx tgħodd.

Illi tajjeb jingħad li f'dan il-każ l-appellant ingħata ċ-ċans (kif kellu kull dritt jagħmel) li jagħti l-verżjoni tiegħu, liema verżjoni tat stampa differenti minn dik li hu kien ta waqt l-istqarrija rilaxxata minnu. Jirriżulta li mill-provi kollha mressqa l-Ewwel Qorti xorta ddeċiediet li ma temminx it-tieni verżjoni mogħtija mill-appellant u ċioè li d-droga in kwistjoni kienet għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi minbarra dan mix-xiehda mogħtija minn PC 213 Nicolai Borg (*a fol.* 32 *et seq.*) jirriżulta li l-appellant kien kalm meta ġie arrestat u kien biss wara li l-Pulizija kienu ser ifittxulu fil-garaxx li hu beda jippanikja. Minbarra dan minn qari tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant ma jidhirx li fiha hemm traċċi ta' problemi psikoloġiċi ta' persuna taħt l-effett tad-droga anzi meta kellu jinnega li kien fil-passat diġa' biegħ id-droga, huwa għamel dan. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-appellant ta x'jifhem lill-Pulizija li huwa kellu xi problema minħabba d-droga. Huwa minnu li preferibbilment l-appellant ġie nvistat minn tabib imma ma jirriżultax li huwa kien esprima li qed isofri minn xi sintomi. Għalhekk din il-Qorti trid toqgħod fuq l-evidenza li għandha quddiemha. Huwa faċli li appellant *ex-post* jgħid dak li qal waqt ix-xiehda tiegħu iżda din il-Qorti tara li dan ma kienx ikkorroborat minn xi fatt jew persuna oħra.

Illi anke kieku din il-Qorti kellha tasal sabiex tilqa' l-argument u twarrab l-istqarrija, fil-fehma tagħha xorta jibqgħu l-elementi suffiċjenti sabiex tinstab ħtija fl-appellant rigward l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata kontra tiegħu.

"Ix-xhieda tal-professjonisti":

Illi l-appellant jisħaq li x-xiehda tal-professjonisti turi li d-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu u li l-Ewwel Qorti skartathom u qisiethom bħala mhux professjonali. Fil-fehma tal-appellant dan huwa atteġġjament li mhuwiex *safe and satisfactory*.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti jirriżultalha li mhux minnu li l-Ewwel Qorti kemm qabdet u skartat ix-xiehda tal-professjonisti anzi jirriżulta li hija tat piż lil dawn proprju meta kienet qed tikkalibra l-piena li kienet sejra teroga. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ddeciediet li l-professjonisti ma kienux kompletament korretti fl-espożizzjoni minħabba li huma ma kienux edotti mill-fatti kollha. Wara li din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il fuq tasal sabiex taqbel mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u dana peress li l-professjonisti jistgħu jitkellmu biss fuq dak li ntqal quddiemhom meta huma ma daħlux fl-aspetti finanzjarji u fir-rilevanza tal-provi kollha li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi b'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward taż-żewġ partijiet li fihom ġie maqsum l-ewwel aggravju jsegwi li l-aggravju in eżami qed ikun miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta dwar il-kummenti magħmula mill-Ewwel Qorti dwar l-esperti nvoluti f'dan il-każ. Jisħaq li ma huwiex ġust li l-ebda persuna *multo magis* il-Qorti tgħid li (*a fol.* 650): *"attitudni din verament xejn professjonali da parti tagħhom."* Jelenka l-professjonisti li skont hu l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kienux professjonali. Jgħid li dawn ix-xhieda kienu qed jaqdu dmirijiethom fil-kariga pubblika tagħhom u għalhekk kienu indipendenti minnu (mill-appellant). Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma opponietx għad-depożizzjoni ta' dawn l-esperti u li l-Ewwel Qorti saħansitra talbithom jikkjarifikaw dak li kienu qed jgħidu.

Illi filwaqt li l-appellant jirreferi għall-konklużjonijiet tal-esperti, hu jisħaq li l-Ewwel Qorti waqgħet fin-nasba tas-suspett li ġiet ikkreata mill-provi ċirkostanzjali u ċioè li juru pussess aggravat u skartat li dawn fil-fatt ma humiex univoċi minħabba li juru stat fejn huwa (l-appellant) ibagħti minn *obsessive compulsive disorder* mogħni bil-*hoarding* u skartat l-evidenza tal-esperti. Jargumenta li l-Ewwel Qorti minn naħa skartat l-evidenza tal-professjonisti u tal-fatt li hu jbagħti minn *obsessive compulsive disorder* waqt li fl-istess nifs aċċettat li jbagħti minn tali *disorder*. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma fehmet xejn mill-kondizzjoni tiegħu li sar jaf biha biss meta beda jirċievi l-kura. Talab li dawn l-esperti jerġgħu jinstemgħu minn din il-Qorti jew addirittura tqabbad esperti hija.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti diġa' għamlet xi konsiderazzjonijiet dwar il-professjonisti fl-ewwel aggravju hawn fuq imsemmi u, a skans ta' ripetizzjoni, dak hemm imsemmi għandu japplika hawn ukoll. Magħhom din il-Qorti żżid tgħid li dak li ngħad mill-professjonisti għandu jittieħed in konsiderazzjoni flimkien mal-assiem tal-provi **kollha** li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Il-professjonisti taw stampa u xehdu fuq dak li

rriżulta lilhom pero' fl-istess waqt irid jiġi rikonoxxut li meta Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk persuna mixlija quddiemha għandiex tiġi misjuba ħatja jew le ta' dak mixli quddiemha, li hija l-Qorti li jkollha l-istampa **<u>kollha</u>** ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

Illi din il-Qorti tirrikonoxxi li l-professjonisti li jixhdu quddiemha huma bżonnjużi pero' ma tistax il-Qorti tibbaża ruħha fuq dak li jgħidu huma biss, speċjalment meta ma jkunux esperti nkarigati minnha u speċjalment meta l-professjonisti ma jkollhomx għarfien ta' dak kollu li jirriżulta fil-proċess penali quddiem il-Qorti. Din il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li kull Qorti għandha l-istil tagħha kif tikteb is-sentenzi tagħha u filwaqt li din il-Qorti tista' taqbel jew le mal-mod kif saru ċertu kummenti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jibqa' l-fatt li jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi kollha prodotti quddiemha. B'hekk isegwi li anke t-tieni aggravju għandu jkun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jitlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' pussess aggravat ta' kokajina li huwa għandu xorta jgawdi minn temperament fil-piena. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx każ ta' ċertu fatturi li jimmilitaw favur riduzzjoni fil-piena u li hija njorat għal kollox l-avvanzi li huwa għamel fejn jidħol il-vizzju tad-droga. Jgħid li l-fatt li kif xehdu l-professjonisti u l-Uffiċjal tal-*Probation* huwa rnexxielu jegħleb il-vizzju tad-droga għandu jimmilita favur li jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena. Jgħid li huwa kellu problema ta' abbuż ta' droga u li għalhekk ma għandux jitpoġġa fuq l-istess livell ta' baruni tad-droga. L-appellant jilmenta wkoll li huwa ġie mixli li kien fil-pussess aggravat għal erba' snin mid-19 ta' Ġunju 2010 lura u li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' hekk. Jisħaq li ma kienx hemm provi għal dan il-perjodu ta' snin u għalhekk jitlob li l-piena għandha tirrifletti l-perjodu li huwa ppruvat.

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li hija taqbel ma' dak li jgħid l-appellant li ma hemmx provi li hu kien ilu jittraffika d-droga in

kwistjoni għal erba' snin b'dan illi l-provi li hemm fl-atti proċesswali jwasslu lil din il-Qorti tqis li l-appellant seta' kien ilu jittraffika d-droga mis-sena 2008 l-aktar.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-appellant ma kienx korrett meta qal li l-Ewwel Qorti ma tatx każ ta' ċertu fatturi li jimmilitaw favur riduzzjoni fil-piena u li hija njorat għal kollox l-avvanzi li huwa għamel fejn jidħol il-vizzju tad-droga. Qed jingħad li din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant meta qal hekk peress li meħud in konsiderazzjoni l-piena li setgħet tiġi nflitta fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, l-Ewwel Qorti kkundannatu sentejn u nofs priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000) u dana wara li qalet hekk (*a fol.* 652): *"Dwar il-piena, qieset pero' l-progress li ġie wkoll preżentat lilha mit-tobba dwar l-imputat, għalkemm il-Qorti temmen verżjoni tiegħu ma tistax teskludi li hu kellu u ħa għajnuna u għamel progress kbir – għaldaqstant tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fiduċja li kulħadd wera fih, qiegħda tikkundannah...."*.

Illi meta din il-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandhiex tiġi varjata jew le, hija ser tieħu in konsiderazzjoni, fost l-oħrajn, is-segwenti fatturi:

- in-natura tar-reati addebitat fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda kważi kompletament nadifa u li minnha jirriżulta li l-appellant ilu żmien twil sew ma jikser il-liġi;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2010 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjonijiet mogħtija mill-professjonisti li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler (Dok. "MFS" – *a fol.* 284 *et seq.*);

- il-fatt li fit-13 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 836) din il-Qorti diversament ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga;

- il-fatt li fis-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 726 *et seq.)* din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex jiġi revokat *contrario imperio* d-digriet tat-13 ta' Mejju 2015 hawn fuq imsemmi;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjonijiet mogħtija mill-professjonisti li xehdu quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt li fit-8 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 1012 *et seq.)* din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet talba oħra tal-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha t'hawn fuq iwasslu lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant b'dan illi l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ fis-sens appena msemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Charlie Gauci u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' erbat elef Euro (€4,000) u fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal elfejn, mija u sittin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,160.22);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u fejn ma ordnatx il-konfiska tal-flus misjuba fuq l-appellant;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sentejn u nofs priġunerija u minflok tikkundannah sena u nofs priġunerija.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**